PDF Compressor Pro





It-tfal flimkien ma' l-Isqof Mario Grech fi tmiem il-Quddiesa u ż-żjara li għamlilhom.

# Tmiem il-klabb tas-sajf

Il-ħames edizzjoni ta' *Don Bosco Summer Club* organizzat mill-Oratorju Don Bosco tar-Rabat Għawdex, ġiet fi tmiemha permezz ta' diversi attivitajiet speċjali organizzati fl-aħħar ġranet t'Awwissu u l-ewwel ġranet ta' Settembru. Dawn l-attivitajiet kienu jinkludu Quddiesa ċċelebrata mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, Varjetà ta' Żfin, Drama u Kant mit-tfal fir-Rabat u f'Marsalforn, *Barbecue* fi Pjazza Santu Wistin, Victoria, Wirja bix-xogħlijiet maħduma mit-tfal, *Film-show* għat-tfal kif ukoll ħarġa fir-Ramla l-Ħamra.



Waqt il-varjetà ta' l-aħħar.

'Il fuq minn 280 tifel u tifla attendew regolarment għas-sessjonijiet tas-*Summer Club* li nżammu tliet darbiet fil-ġimgħa matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu. Madwar 60 voluntiera, il-biċċa l-kbira żgħażagħ, ħadu ħsieb lit-tfal u animaw is-sessjonijiet.

Kull ġurnata tas-*Summer Club* kienet tibda' b'quddiesa fil-Kappella ta' l-Oratorju u wara t-tfal kienu jitqassmu fi gruppi fejn kienu jiġu mgħallma diversi suġġetti bħal *crafts*, tisjir tal-ħelu, ganutell, żfin, drama, *story telling*, pittura, bini ta' presepji, kollezzjonar ta' bolli, ħjata u arkett. Kien ukoll ikollhom sezzjonijiet ta' sports, *fun-games* u logħob ieħor.

Matul is-*Summer Club* ġew organizzati wkoll diversi ħarġiet għal Malta kif ukoll għal postijiet oħra f'Għawdex. Kellhom ukoll attivitajiet interattivi organizzati minn mistiedna speċjali fosthom dwar il-wirt storiku Għawdxi, il-ħarsien ta' l-ambjent, in-nutrizjoni, *self-defence*, prevenzjoni mill-alkoħol u droga, *"teddy bear hospital"*, eċċ...

Sadanittant ta' min jgħid li wħud mil-*leaders* żgħażagħ li ħadu sehem fit-tmexxija ta' dan is-*Summer Club* fil-ġranet li għaddew kienu l-Italja fuq programm ta' Skambju ta' żgħażagħ bħala parti mill-*Youth in Action Programme* ta' l-Unjoni Ewropeja. Dan l-iskambju kompla jgħinhom fil-formazzjoni tagħhom biex ikomplu jkunu ta' għajnuna lissoċjetà tal-lum b'ħidma simili għal dak li għamlu tul is-sajf.



L-abbatini Għawdxin fil-Vatikan.

# Abbatini Għawdxin fil-Vatikan

Erba' abbatini mid-Djoċesi t'Għawdex dan is-Sajf, bejn is-7 u l-21 ta' Awwissu, ingħaqdu ma' abbatini oħra minn Malta biex jagħtu is-servizz tagħhom fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. L-Għawdxin li fir-ritratt jidhru mix-xellug huma, Mario Bonnici (Katidral), Andrew Buhagiar (Rgħaj it-Tajjeb, taċ-Ċawla), Matthew Bajada (Għarb) u Alfred Tabone (Xagħra). Jidhru wkoll fuq in-naħa ta' wara, mix-xellug, Dun Frans Bonnici, Seminarista Noel Debono (Nadur) u Dun Daniel.Il-vestizzjoni ta' l-abbatini li tmexxiet mill-Kardinal Angelo Comastri saret nhar is-16 ta' Awwissu fil-Kappella tal-kor ġewwa l-Bażilika ta' San Pietru. L-għażla fost l-abbatini Għawdxin li wrew ix-xewqa li jmorru l-Vatikan saret wara diversi laqgħat li saru fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, ir-Rabat u eżami kompetittiv.

**AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri**





Il-pittura tal-koppletta rrestawrata.

# Xogħol ta' restawr fil-knisja Kolleġġjata u Bażilika tax-Xagħra

Tkompla t-tieni fażi ta' xogħol ta' restawr fin-nava tan-nofsinhar. Din il-fażi tikkonsisti f'konservazzjoni, rinnovazzjoni u restawr fil-kappella ddedikata lill-Madonna Tal-Karmnu. Ix-xogħol sar mir-restawratur Malti, Manwel Zammit.

Il-pittura tal-koppletta u tal-pendenti ta' taħtha huma xogħol tal-pittur Ruman, Virginio Monti. Matul iż-żmien il-koppletta soffriet ħsarat fl-istabilità tagħha tant li l-pittura kienet turi sinjali ta' għejja kbira. Fi bnadi minnha anke waqgħu l-flieli u partijiet miż-żebgħa ntilfu. Ir-restawr reġa' ġab il-pittura għall-istat oriġinali tagħha billi l-partijiet maqlugħa maż-żmien reġgħu ġew ri-integrati.

Anke l-altar tal-kappella li huwa iddedikat lill-Madonna Tal-Karmnu, xogħol il-pittur Malti magħruf, Francesco Vincenzo Zahra, sarlu xogħol ta' konservazzjoni peress li kien għadu fi stat stabbli. Il-kwadru jmur lura lejn l-ewwel nofs tas-seklu 18. Il-kwadru huwa mdawwar bi prospettiva skultrata fil-ġebel li għandha ħjiel qawwi ta' l-influwenza ta' Zahra wkoll.

Ix-xogħol fil-kappella kien jinkludi wkoll żebgħa mill-ġdid tal-ġebla kif ukoll l-induratura ta' l-iskultura u l-istallazzjoni ta' twieqi *stained glass* fil-lanterna li lkoll saru min-nies tas-sengħa mix-Xagħra u taħt is-superviżjoni tar-restawratur Manwel Zammit.

# Lapida ta' tifkira tal-miġja ta' Santa Marija fix-Xagħra

Nhar il-5 ta' Settembru, wara tmiem it-Tridu solenni, l-Arċipriet tax-Xagħra, Mons. Carmelo Refalo bierek u inawgura lapida kommemorattiva ta' meta l-istatwa devota ta' Santa Marija ittieħdet ġewwa x-Xagħra fis-sena 2006. Għal ħafna Xagħrin hija memorja li ma tintesa' qatt li l-istatwa ta' Santa Marija, li lejha dejjem kienet teżisti devozzjoni qawwija fost il-poplu Marjan tax-Xagħra, li jaraha f'purċissjoni u anke esposta taħt pavaljun armat apposta fil-knisja Kolleġġjata u Bażilika ta' Marija Bambina.

Din kienet attività minn programm organizzat mill-parroċċa tal-Katidral ta' Għawdex li jfakkar meta l-istatwa ta' Santa Marija, meqjuma fil-Katidral ta' Għawdex, ingħatat lill-parroċċa tal-Katidral ħamsin sena qabel.

Iċ-ċerimonja saret fil-preżenza tal-banda Ċittadina *Leone* u saru diskorsi ta' l-okkażjoni mill-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo u s-Segretarju tal-banda *Leone*, Joseph Debrincat. Wara ċ-ċerimonja sar il-marċ annwali mat-toroq ewlenin tax-Xagħra.



L-Arċipriet Carmelo Refalo jidher ibierek il-lapida kommemorattiva.

Il-lapida tpoġġiet fl-ispazju ta' ħdejn in-niċċa tal-Bambina li jħares lejn Triq it-Tiġrija. L-iskrizzjoni saret mir-Rev. Mons. Dr. Joseph Bezzina, disinn minn Dr. Aaron Attard-Hili u nħaddmet mill-marmista Raymond Bonello.

***Għinu lil din il-gazzetta billi tirriklamaw fiha.***
***Ċemplu The Maltese Herald fuq (02) 9637 9992***

PDF Compressor Pro





Il-Banda tal-Forzi Armati waqt il-parata fi pjazza Indipendenza



Tislima lil Malta Indipendenti

# Jum l-Indipendenza Ċerimonja f'Għawdex

**Kitba u Ritratti ta' Charles Spiteri**

L-attivitajiet ta' Jum l-Indipendenza f'Għawdex, organizzati mill-Kumitat Festi Nazzjonali bdew b'parata li saret mill-Forzi Armati ta' Malta (FAM). Il-Banda u żewġ stakkamenti tal-FAM immarċjaw minn Pjazza Savina, fir-Rabat sa Pjazza Indipendenza fejn taw diversi wirjiet. Il-parata tmexxiet mill-Maġġur Michael Cardona.

Mal-wasla tal-Brigadier Carm Vassallo, il-Kmandant tal-FAM, akkumpanjat mill-ADC, il-Kaptan Joseph Spiteri, indaqq salut waqt li mal-wasla tal-Prim Ministru u s-Sinjura Gonzi ndaqq salut Nazzjonali.

Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi mbagħad spezzjona l-Gwardja ta' l-Unur tal-FAM.

L-attivitajiet għal Jum l-Indipendenza komplew bit-tqegħid ta' bukkett fjuri mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi quddiem l-irħama kommemorattiva li hemm imwaħħla mal-faċċata tal-*Banca Giuratale*, fi Pjazza Indipendenza.



Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi jpoġġi l-fjuri quddiem l-irħama kommemorattiva

Iċ-ċerimonja spiċċat bid-daqq ta' l-Innu Nazzjonali.

Wara ż-żewġ stakkamenti tal-FAM immarċjaw minn Pjazza Indipendenza għal Triq ir-Repubblika għal Triq Putirjal.



Uħud mill-mistednin distinti fosthom il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi u martu Kate.

Fost il-persuni distinti għaċ-ċerimonja fi Pjazza Indipendenza (it-Tokk), kien hemm il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Dr Chris Said, il-Membru Parlamentari Laburista Justyn Caruana, il-President tal-Kumitat Festi Nazzjonali f'Għawdex, Vincent Grech, iċ-Ċermen tal-Kultura, Kevin Sciberras, is-Sindki Robert Tabone,(il-Belt Victoria) Francis Cauchi, (Għajnsielem) David Apap, (Għarb) id-Direttur Ġenerali fil-Ministeru għal Għawdex, Mario Calleja, id-Diretturi Joseph Portelli, Jocye Dimech, Emanuel Grech u n-Nutara Mary Debono Borg (Qrati tal-Ġustizzja, Marthese Portelli, President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista u rappreżentanti mid-diversi Dipartimenti tal-Gvern u rappreżentanza mill-Għaqdiet mhux Governattivi Għawdxin fosthom il-*Victoria Scout Group*

It-tluq tal-Prim Ministru u tal-Ministru għal Għawdex ntlaqa' b'applawsi mill-pubbliku preżenti.



Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi jispezzjona l-Gwardja ta' l-Unur


D.O.M. INTERNATIONAL

Din hija kumpanija Maltija li ilha mwaqqfa 37 sena

Tony Pace
Managing Director



Tony Pace

Sejjer Malta u trid iġġorr?

Ċempel għal kwota llum

Tel: (02) 9607 4170
Fax: (02) 9607 8534
Negozju tal-familja
Mob: 040 305 6007

Nistgħu nippakkjawlek kollox aħna u tiffranka uġiegħ ta' ras

Head Office: Unit 1/42-44 Whyalla Place, Prestons, NSW 2170




Il-Grupp t'Għajnselmiżi f'Lourdes

# F'Lourdes f'pellegrinaġġ ta' Talb

Grupp ta' Għajnselmiżi flimkien ma' l-Arċipriet tal-Parroċċa, il-Kanonku Dun Frankie Bajada, żaru Lourdes f'pellegrinaġġ ta' talb, fl-okkażjoni tal-150 sena mid-dehriet tal-Madonna lil Bernadette Soubirous.

Il-Grupp, f'post fuq quddiem ħafna, attenda għall-Quddiesa ċċelebrata mill-Papa Benedict XVI nhar il-Ħadd 14 ta' Settembru, u li għaliha kienu preżenti aktar minn 150,000 ruħ.

Mal-Grupp ingħaqad ukoll id-direttur ta' Radio Lauretana, Lelio Spiteri, li ta diversi kollegamenti minn Lourdes lis-semmiegħa ta' Radju Marija.

Fir-ritratt fit-tieni filliera minn isfel, it-tielet persuna mix-xellug tidher Lourdes Caruana u quddiemha bintha Ruby ta' ħames snin, mill-Parroċċa ta' Lourdes, fil-Qrendi u li jgħixu f'Moonee Ponds, f'Melbourne, hawn fl-Awstralja u li ngħaqdu wkoll mal-grupp f'dan il-pellegrinaġġ ta' talb.